MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 728/1997/1

**David u Rosanne Scerri**

**Vs**

**Anthony Ciantar, u Tarcisio Enterprises Co. Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenuti huma responsabbli lejn l- atturi talli kkawzaw l-incident awtomobilistiku li sehh fl-14 ta' Mejju 1996 ghal x'il-hdax u nofs ta' fil-ghodu u b' hekk kkawzawlhom danni konsiderevoli fil-vettura taghhom Citroen AX bin-numru ta' registrazzjoni K - 5294, meta fi Vjal Santa Lucija f' Rahal Gdid, il-konvenut Ciantar baqa'

diehel fuq l-attur David Scerri bil-vettura tad-ditta konvenuta misjuqa minnu, Leyland Truck bin-numru ta' registrazzjoni U – 6989;

Premess illi l-incident sehh minhabba sewqan eccessiv, negligenza, imperizja traskuragni u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, mill- konvenut Anthony Ciantar impjegat tad-ditta mieghu konvenuta;

Premess illi l-incident sehh meta l-esponenti David Scerri kien niezel Vjal Santa Lucija f' Rahal Gdid u meta kien ser jaqbez lill-konvenut Ciantar dana kiser biex jidhol fi Triq Palma minghajr ma kellu sinjal li kien ser idur f' dik id-direzzjoni, invada l-karreggata ta' l-attur David Scerri u per konsegwenza dana ma seghtax jevita lill-konvenut Ciantar;

Premess illi minkejja li l-konvenuti gew imsejha sabiex jaghmlu tajjeb ghad-danni kkawzati huma dejjem baqghu indadempjenti;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghad-danni kkawzati lill-atturi kif fuq jinghad;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl- incident imsemmi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tat-8 ta' Lulju 1996 u dik ufficjali tas-26 ta' Lulju 1996, kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Ciantar li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi huwa ma kien b' ebda mod responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fl-14 ta' Mejju 1996 waqt li huwa kien qed isuq il- vettura numru U – 6989 u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi stante li huwa ma kienx responsabbli ghal dan l-incident, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni, u ghalhekk it- talbiet taghhom ghandhom jigu michuda bl- ispejjez;

3. Salve eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Anthony Ciantar u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Tarcisio Galea ghad-ditta Tarcisio Enterprises Co. Limited li fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi s-socjeta` minnu rapprezentata ma kinitx responsabbli ghall- incident tat-traffiku imsemmi mill-atturi u konsegwentement lanqas ghad-danni konsegwenzjali li allegatament sofrew l-istess atturi f' dan l- incident;

2. Salve eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess Tarcisio Galea ghad-ditta konvenuta u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tas-6 ta' Novembru 1998 li permezz tieghu giet nominata bhala perit legali Dr. Marse- Anne Farrugia biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x' jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit legali li tinsab a fol. 145 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-udjenza tat-12 ta' Dicembru 2002;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijietipprezentati mill-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

F' materja ta' konflittwalita` fil-provi jinkombi bi dmir fuq il-Qorti illi tgharbel bir-reqqa l- versjonijiet, anke fejn dawn ikunu dijametrikalment opposti, biex minnhom tirrikava l-fatti l-aktar determinanti u li possibilment iqarrbuha lejn il-verita`. Dan jinhass maggorment f' materja ta' kollizjonijiet fejn jokkorri tigi rikostruwita d- dinamika ta' l-incident, tigi stabbilita l- genwinita` tal-versjonijiet in rapport mar-*res gestae* rizultanti materjalment mill- investigazzjoni, u, assigurata l-osservanza jew l- inosservanza tar-regolamenti, finalment tigi rikavata l-htija in korrispondenza bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza;

Fil-kaz prezenti l-versjonijiet taz-zewg konducenti jidher li giet kristallizzata *a tempo vergine* fir- relazzjoni ta' P S 1439 John Tabone li investiga l- incident. Mill-okkorrenza esebita a fol. 108 r- registrazzjoni taz-zewg versjonijiet hi hekk kompilata:

I. David Scerri, sewwieq tal-vettura Numru K – 5294 qal li huwa kien niezel minn Vjal Santa Lucia, Paola sejjer fid-direzzjoni tal-Marsa u ra l- vettura numru U – 6989 niezla bil-mod fis-*slow lane* u huwa kien niezel fil-*fast lane* bil-hsieb li jaqilghu. Huwa qal li f' daqqa wahda l-vettura numru U – 6989 kissret lejn il-lemin minghajr ma ghamlet *indicators* u huwa pprova jzomm il-*brakes* izda xorta sehhet il-habta;

II. Anthony Ciantar, is-sewwieq tal-vettura numru U – 6989 qal li huwa kien wieqaf fi Vjal Santa Lucia, Paola jistenna l-vetturi ghaddejjin biex ikun jista' johrog ghal Triq il-Palma, Paola u f' daqqa wahda sema' *brake* u huwa saq biex jevita l-habta izda xorta l-vettura numru K – 5294 dahlet fir-rota ta' wara tan-naha tal-lemin;

Il-provi rakkolti mill-perit legali jsegwu l-perkors ta' dawn iz-zewg dikjarazzjonijiet. Dan fis-sens li z-zewg sewwieqa, tista' tghid, baqghu fidili mal-versjoni primarja minnhom fornita lis- surgent li kkonduca l-investigazzjoni. Forsi l- aktar aspetti ta' riljiev li jimmeritaw jigu aggunti huma s-segwenti:

i. L-attur jghid li kien ghaddej bi *speed* ta' erbghin mil fis-siegha (40 mfs) meta t-trakk misjuq mill-konvenut beda l-manuvra biex jaghlaq il-*lane* ta' barra minn fejn kien ghaddej hu. Huwa jistqarr ukoll illi ma kienx bizzejjed biex iwaqqaf il-*car* tieghu ghall-i*speed* li kellu f' dik id-distanza (cirka 23 metru). L-ispjegazzjoni minnu moghtija kienet li hu kien ghan-nizla u t-triq tizloq aktar min-normal minhabba l-kwalita` ta' *tarmac*;

ii. Il-konvenut Anthony Ciantar jghid li hu kien wieqaf fil-kareggjata ta' hdejn is-*central strip*, ghamel zmien twil jistenna biex jippermetti t-traffiku ghaddej fuq in-naha l-ohra tat-triq. In kontro-ezami jistqarr li veru li f' xi hin kien fuq il-*lane* ta' gewwa pero` hu qaleb ghal-*lane* l-ohra qabel ma wasal hdejn il-fetha fis-*central strip*. Izid jaggungi illi d-daqqa fuq il-vettura tieghu sehhet meta hu kien qed isuq u kellu t-trukk gja miksur, wiccu lejn Palm Street;

Il-kwadru ta' l-elementi accertati ghall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kolpa jidher, fil-fehma tal-Qorti, li gie ben skrutinat u analizzat mill- perit legali. Jidher ukoll li sewwa rricerka l- indikaturi ta' din l-istess kolpa mhux tant fil- versjonijiet hekk kuntrastanti pprovduti, daqskemm mir-*res gestae* ta' l-incident kif irrizultaw mill-i*sketch* u mill-kondotta tas-sewqan taz-zewg *drivers*;

Minn ezami ta’ dan l-istess *sketch* (fol. 106) u l-aktar tad-daqqa illustrata fuq it-trukk tal-konvenut din il-Qorti, bhal perit legali, hi perswasa illi l-incident sehh meta l-konvenut ittraversa orizzontalment minn kareggjata ghall-ohra u b’ hekk ikkavalla ghal kollox il-*lane* li f’ dak il-mument kienet qed tigi wzata mill-attur. Dan isib spjega fil-fatt illi l-impatt sehh direttament fit-*tyre* tal-lemin tat-trukk u mhux fuq in-naha ta’ wara. Ghalhekk il-versjoni tal-konvenut li hu kien sost fuq il-*lane* ta’ hdejn is- *central strip* ma hijiex attendibbli ghar-raguni li d-daqqa ma hijiex kompatibbli mal-posizzjoni tat- trukk qabel l-impatt kif hekk suggerit mill- konvenut. Il-Qorti mbaghad issib li dak mistqarr mill-attur illi wara l-habta l-konvenut naddaf l- *indicator light* mill-hmieg bhala aktar fededenja tal-fatt illi l-konvenut ghamel il-manuvra tieghu *ex abrupto* u minghajr indikazzjoni ta’ xejn;

Fir-rigward u fl-istess kuntest il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet agguntivi:

(a) Jidher car li l-attenzjoni tal-konvenut Anthony Ciantar kienet aktar iffokata fuq x’ kien qed jigri n-naha l-ohra tat-triq, fejn kien hemm il-lant tax-xoghol li ghalih ried jaccedi, milli ghal dak li kien qed isehh madwaru u warajh fil- parti tat-triq fejn kien;

(b) Huwa kellu d-dover li josserva mhux biss il-*flow of traffic* fuq in-naha l-ohra tat-triq izda anke joqghod attent ghat-traffiku fuq in-naha tieghu. B’ hekk kien jevita li b’ inkurja jaqbad u jaghmel il-manuvra ta’ traversament;

(c) Il-htija li qed tigi addebitata lilu ghandha konnesjoni ovvja mal-fatt tal-qlib inkonsult minn *lane* ghall-ohra minghajr ma ha l- prekawzjoni elementari li jassikura li l-kareggjata kienet libera b’ mod li setghet tippermettilu li jaqsam minghajr ma jkun ta’ ostakolu ghall-vetturi gejjin minn warajh u fil-*lane* li htieglu jittraversa;

Dan premess il-Qorti tikkonkorda wkoll mal-perit legali illi, anke jekk is-sewqan tieghu fil- lokalita` partikolari ma jistax ikun meqjus bhala eccedenti l-massimu regolamentari konsentit, l- attur kellu certu kontributorjeta` f' dak li ssuccieda. Dan ghal mod kif kien qed jikkontrolla l-vettura tieghu qabel l-impatt;

Il-fatt tal-*brake marks* riskontrati, anke jekk mhux esagerati, tikkonferma illi l-attur kien ghaddej bi *speed* tali li ma kkonsentalux jirrallenta l-vettura tieghu tempestivament u fil-hin biex jevita l- habta. Cirkostanza din li bl-ghajnuna ta' gurisprudenza affermata hi ben imfissra mill-perit legali;

Huwa pacifiku illi anke fejn l-i*speed* jitqies konformi ghar-regoli tas-sewqan, eppure certu *speed* kapaci jinnewtralizza dak il-margini ta' sikurezza tant importanti u necessarju f' kull kaz ta' emergenza li tista' tinqala jew li sewwieq isib ruhu konfrontat minnha f' kull mument tas-sewqan;

Jinsab affermat illi "meta jkun hemm htija kontributorja da parti tad-danneggat, huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabbilixxi l-proporzjon li fiha huwa kkontribwixxa ghal jew ikkaguna l-hsara li garrab sew jekk id-danneggjant jew danneggjanti jkunu kkagunaw id-dannu b' semplici kolpa jew anke b' dolo, minghajr ebda regola prestabbilita mil-ligi stess li tistabbilixxi l-proporzjon ghal nofs jew frazzjoni ohra. Kollox f' kull kaz jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tieghu" ("**Joseph Galdes –vs- Victor Micallef**", Appell Civili, 20 ta' Jannar 1964, a Vol. XLVIII P I p 59);

Din il-Qorti pero` ma taqbilx mal-perit legali illi l-proporzjon tar-responsabilita` li trid tingarr mill-attur ghandha tkun biss ta' hamsa fil-mija (5%). Dan in vista tal-fatt illi minn dak mistqarr mill-attur innifsu hu kien konxju tal-fatt illi kien ghan-nizla u li t-triq kienet tizloq (fol. 87). Jekk kien konsapevoli ta' dawn ic-cirkostanzi kellu juza aktar

diligenza, jirrallenta l-i*speed* u b' hekk ikun f' qaghda li jzomm il-vettura dejjem taht kontroll;

Fic-cirkostanzi din il-Qorti hi ta' l-opinjoni illi l-grad tal-kontributorjeta` ta' l-attur ghandu jizdied ghal hmistax fil-mija (15%);

Kwantu ghall-pretiz addebitu ta' htija tas-socjeta` konvenuta, sid it-trukk misjuq mill-konvenut l- iehor, din il-Qorti ma ssibx x' ticcensura fir-ragjonament tal-perit legali li segwiet l-insenjament stabbilit fid-decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Antonia Vella –vs- Joseph Camilleri**", 11 ta' Jannar 1991, u l-principju tad-dritt *in subjecta materia*;

Dan ghaliex ukoll huwa pacifiku illi, in linea ta' massima generali, sid ta' vettura li tkun involuta f' incident meta misjuqa minn terzi ma jwiegibx ghad-danni talvolta kagjonati mis-sewwieq. Bhal kull principju generali iehor ir-regola ssofri eccezzjoni bhal per ezempju fejn jirrizulta li l-vettura misjuqa mit-terz ma tkunx assikurata u allura tinsorgi r-responsabilita` solidali anke ta' sid il-vettura ("**Avv. Franz Refalo *nomine* –vs- Paul Caruana**", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 1995; "**E. Micallef –vs- Simone Azzopardi**", Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Ottubru 1994). Dan ma huwiex hekk il-kaz hawnhekk;

Dwar il-kwantum tad-danni ma jidhirx li dan gie kontestat mill-konvenut u allura din il-Qorti ser taccetta illi t-total taghhom huwa kif dikjarat mill-attur, jigifieri elf erba' mija u hamsa u erbghin lira Maltija, sitta u ghoxrin centezmu (Lm1445.26,0). Billi l-attur ghandu jbati hmistax fil-mija (15%) tat-tort, l-ammont rizultanti li ghandu jsofri l-konvenut hu ta' elf mitejn tmienja u ghoxrin lira Maltija, sebgha u erbghin centezmu (Lm1228.47,0).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara li l- konvenut Anthony Ciantar huwa responsabbli ghal hamsa u tmenin fil-mija (85%) ghall-incident stradali li sehh fl-14 ta' Mejju 1996 fi Vjal Santa Lucija, Rahal Gdid u ghad-danni naxxenti minn dan l-istess incident;

Tilqa' t-tieni domanda billi tillikwida d-danni rizultanti mill-incident fl-ammont totali ta' elf erba' mija hamsa u erbghin lira Maltija, sitta u ghoxrin centezmu (Lm1445.26,0);

Tilqa' t-tielet domanda billi tikkundanna lill-konvenut imsemmi jhallas lill-atturi s-somma ta' elf mitejn tmienja u ghoxrin lira Maltija, sebgha u erbghin centezmu (Lm1228.47) korrispondenti ghal hamsa u tmenin fil-mija (85%) tat-tort;

Tiddikjara inoltre li s-socjeta` konvenuta Tarcisio Enterprises Company Limited ma hijiex fi htija ghall-incident u ghalhekk tillibera lil din is-socjeta` minn kull responsabilita`.

L-ispejjez tal-kawza, hlief dawk fil-konfront ta' l-ahhar imsemmija socjeta`, li jibqghu a kariku ta' l-atturi, ghandhom jitbatew skond ir-rebh u t- telf.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------